MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Numru 400/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J FENECH**

**KONTRA**

**JOSEPH AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Azzopardi ta’ 39 sena, bin John u Rose nee’ Pantalleresco, imwieled Pieta, nhar it- 13 ta’ April 1969, u residenti fil- fond 28, John Rose, Triq Odilone Caruana, Tarxien detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 183869(M);

Li gie mressaq sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet ;

Talli fit- 22 ta’ Ottubru 2008 u matul is- sitt xhur ta’ qabel din id- data f’dawn il- Gzejjer:

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d- droga erojina, specifikata fl- ewwel skeda ta’ l- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta’ Malta, lil persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill- President ta’ Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir- regoli tal- 1939 ghall Kontroll Intern tad- Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita’ moghtija mill- President ta’ Malta li jforni d- droga imsemmija minghajr ma kien fil- pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit- tabib Principali tal- Gvern, skond id- dispozizzjonijiet tas- sitt (6) taqsima tal- Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l- istess droga, u dan bi ksur tar- regolament numru 4 tar- regoli tal- 1939 ghall Kontroll Intern tad- Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal- Ordinanza Dwar il- Medicini Perikoluzi, tal- Kapitolu 101 tal- Ligjiet ta’ Malta;

2) Kellu fil- pussess tieghu d- droga erojina specifikata fl- ewwel skeda tal- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi, tal- Kapitolu 101 tal- Ligjiet ta’ Malta meta ma kienx fil- pussess ta’ awtorizzazjoni ghall- impotrazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit- tabib Principali tal- Gvern skond id- dispozizzjoni tar- 4 u s- 6 Taqsima tal- Ordinanza u meta ma kienx bil- licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d- droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil- Licenzja mill- President ta’ Malta li jkollu d- droga msemmija fil- pussess tieghu u naqas li jipprova li d- droga msemmija giet fornuta lilu ghall- uzu tieghu skond ir- ricetta kif provdut fir- regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar- regolament 8 tar- regoli 1939 dwar il- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u dan bi ksur tal- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta’ Malta, liema droga

instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall- uzu personali tieghu;

3) Kellu fil- pussess tieghu ir- raza mehuda mill- pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir- raza u dan bi skur tal- Artikolu 8 (a) tal- Kapitolu 101 tal- Ligijiet ta' Malta.

4) Akkuzat ukoll talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell (Malta) nhar is- 17 ta' Ottubru 2002.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall- imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 8 (a) tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' sentejn prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------